KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.6.2011
SEG(2011) 824 finali

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Polonja

u l-għoti ta' Opinjoni tal-Kunsill

dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2011-2014

{SEG(2011) 729 finali}

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tal-Polonja

u l-għoti ta' Opinjoni tal-Kunsill

dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja, 2011-2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u partikolarment l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[2],

Wara li kkonsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tvara strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi, li tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn tkun meħtieġa azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni (mill-2010 sal-2014), u fil-21 ta' Ottubru 2010, adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri[3], li flimkien jagħmlu l-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-politiki ekonomiċi u okkupazzjonali nazzjonali.

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
2 ĠU C , , p. .
3 Miżmuma għall-2011, permezz tad-Deċiżjoni 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011.

(3) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali tat-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u *ex ante* ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Hu saħaq il-ħtieġa li tingħata prijorità lir-restawr ta' bażits tajbin u s-sostenibilità fiskali, lit-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin biex jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

(6) Fis-27 ta' April 2011, il-Polonja ressqet il-Programm ta' Konverġenza 2011 tagħha aġġornat li jkopri l-perjodu 2011-2014 u fid-29 ta' April 2011 il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tagħha. Sabiex jitqiesu l-konnotazzjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(7) Il-kriżi finanzjarja dinjija wasslet għal tnaqqis fir-rittmu ekonomiku tal-Polonja, bir-rata tat-tkabbir tal-PDG reali taqa' għal 1,7 % fl-2009, imma ma twassalx sa riċessjoni. Fl-2010, it-tkabbir fil-PDG reali rpilja għal 3,8 % minħabba li d-domanda esterna qawwija xprunat il-manifattura u dawwret iċ-ċiklu tal-inventarji, filwaqt li suq tax-xogħol reżiljenti appoġġa l-konsum privat. Ir-rata tal-qgħad telgħet għal 9,6 % fl-2010, minn 7,1 % fl-2008, minkejja ż-żieda fl-okkupazzjoni. Il-kriżi tefgħet piż kbir fuq il-finanzi pubbliċi. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tela' minn 3,7 % tal-PDG fl-2008 għal 7,3 % fl-2009. Fl-2010, minkejja pakkett modest ta' konsolidazzjoni u fil-kuntest ta' tkabbir qawwi, laħaq is-7,9 % tal-PDG. Il-proporzjon dejn-PDG żdied minn 50,9 % fl-2009 għal 55,1 % fl-2010, minkejja li għadu taħt is-60 % tal-livell limitu stabilit mit-Trattat u l-limitu massimu ta' dejn stabilit mill-Kostituzzjoni Pollakka.

(8) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Konverġenza aġġornat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-Kunsill jaħseb li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-proġettazzjonijiet bażitarji huwa plawsibbli, filwaqt li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir kemxejn favorevoli żżejjed għall-2012. Il-programm jippjana li jniżżel id-defiċit taħt il-valur referenzarju ta' 3 % tal-PDG sal-2012, l-iskadenza stipulata mill-Kunsill. L-isforz fiskali annwali medju tul il-perjodu 2010-2012 huwa ġeneralment bi qbil mal-1,25 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (PŻE) fis-6 ta' Lulju 2009. Mhuwiex maħsub li jintlaħaq l-objettiv ta' terminu medju (OTM) matul il-perjodu ta' programmazzjoni. L-emenda għar-riforma tal-pensjonijiet – li jnaqqsu d-defiċit bażitarju strutturali b'0,7 % fl-2011 u b'0,5% addizzjonali fl-2012 tal-PDG – ma jtejbux is-sitwazzjoni bażitarja sottostanti minħabba li żżid l-obbligazzjonijiet fit-tul bl-istess manjitudni. Ir-riskji għall-miri bażitarji ixaqilbu għan-negattiv. Partikolarment id-dħul mit-taxxi diretti jista' jirriżulta anqas minn dak proġettat minħabba s-suppożizzjonijiet ottimistiċi dwar

l-elastiċitajiet fir-rigward tal-bażi tat-taxxa; il-proġettazzjonijiet tal-programm għall-kontribuzzjonijiet soċjali huma bbażati fuq xenarji favorevoli għall-okkupazzjoni u t-tkabbir fil-pagi; u d-dewmiet potenzjali fl-implimentazzjoni u l-bidliet fil-miżuri li jnaqqsu d-defiċit, ukoll lil hinn mill-kontroll dirett tal-gvern, jistgħu jwasslu għal diskrepanza fl-eżekuzzjoni tal-baġit.

(9) Il-gvern Pollakk impenja lil innifsu biex iniżżel id-defiċit ta' amministrazzjoni pubblika taħt it-3 % tal-PDG sal-2012, kif irrakkomandat mill-Kunsill, u biex jiggarantixxi l-istabilità tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Għal dan il-għan, fl-2011 daħal għal pjan biex jikkonsolida sostanzjalment il-finanzi pubbliċi, permezz ta' miżuri li jaffettwaw kemm id-dħul kif ukoll in-nefqa, inkluż tnaqqisiet kbar fin-nefqa pubblika ta' investiment. L-abbozz tal-baġit tal-2012 ġie adottat mill-gvern fil-5 ta' Mejju 2011. Huwa mistenni li jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti akbar fid-defiċit. Xorta waħda jista' jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri oħra apparti dawk ippreżentati fl-abbozz tal-Baġit tal-2012 biex tintlaħaq l-iskadenza tal-2012 għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Madankollu, aktar tnaqqisiet fl-infiq pubbliku fl-investiment jissogra li tiġi llimitata l-kapaċità ta' kofinanzjament tal-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-UE.

(10) Il-Polonja saħħet il-qafas fiskali tul is-snin. Madankollu, sabiex tiġi żgurata s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi fit-terminu medju-twil ir-regoli fiskali eżistenti u l-proċeduri ta' programmazzjoni għat-terminu medju ma jidhrux li jipprovdu għal trasparenza suffiċjenti għall-proċess baġitarju, inċentivi għall-koordinazzjoni bejn saffi varji tal-gvern u l-flessibilità biex jiġu indirizzati xokkijiet u żbilanċi makroekonomiċi. Ir-regoli fiskali għandhom jissejsu wkoll fuq aggregati baġitarji wiesa' biżżejjed u għandhom ikunu totalment konsistenti mas-Sistema Ewropea ta' Kontabilità Nazzjonali u Reġjonali (ESA95). Abbażi tal-politiki attwali, ir-riskji għas-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi li joriġinaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni jistgħu jitqiesu bħala medji.

(11) Minkejja li l-gvern abolixxa l-pensjonijiet bikrin speċjali għall-maġġoranza tal-benefiċjarji, għadhom fis-seħħ arranġamenti speċjali ta' rtirar bikri għall-membri tas-servizzi bl-uniformi u l-ħaddiema tal-minjieri, u l-eta statutorja tal-pensjoni għan-nisa għadha iżgħar minn dik għall-irġiel. Għalhekk l-età effettiva tal-irtirar għadha baxxa. Barra minn hekk, il-fond ta' sigurtà soċjali għall-bdiewa (KRUS) li huwa sussidjat bil-qawwi, ftit jagħti inċentiv lill-bdiewa biex iżarmaw, bil-konsegwenza li jiddewwem ir-ristrutturar ekonomiku u jixxekkel it-tkabbir fil-produttività.

(12) Is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ mhijiex magħmula biex taqdi bis-sħiħ il-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol. Minkejja żieda qawwija fl-ilħiq tal-edukazzjoni terzjarja, l-impjegabilità hija affettwata minn diskrepanza bejn il-ħiliet u l-impjiegi. Is-sistema edukattiva ogħla mhijiex marbuta adegwatement mal-ambjent tan-negozju u l-impjiegi. Il-proporzjon tal-popolazzjoni adulta (speċjalment ħaddiema akbar jew b'ħiliet baxxi) li tipparteċipa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jibqa' baxx ħafna.

(13) Fil-Polonja l-infiq pubbliku fuq ir-R&Ż huwa baxx, u l-infiq privat, fost l-anqas fl-UE, ma jgħinx biex ipatti. Aktar minn hekk dan kompla jonqos fl-aħħar snin, minħabba li s-settur privat ma għandux inċentiv biżżejjed biex jinvesti. Dan x'aktarx jispiċċa f'ostaklu kbir għat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju u twil. Is-sistema tar-R&Ż mhijiex integrata minħabba li ftit li xejn teżisti rabta bejn l-universitajiet, l-istituti tar-riċerka u l-industrija.

(14) Il-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol huwa parzjalment dovut għad-disponibilità insuffiċjenti ta' faċilitajiet ta' indukrar tat-tfal jew persuni dipendenti. L-għadd ta' tfal taħt it-tliet snin li għandhom arranġamenti formali ta' indukrar fil-Polonja huwa ħafna anqas mill-medja tal-UE. Ir-rata ta' reġistrazzjoni ta' tfal akbar, minkejja li żdiedet tul l-aħħar snin, bl-istess mod baqgħet baxxa. F'bosta każijiet ġenituri żgħażagħ jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol biss jekk l-indukrar tat-tfal isir mill-qraba tagħhom. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' disponibilità ta' servizzi ta' indukrar tnaqqas il-potenzjal tal-forza tax-xogħol għan-nisa akbar partikolarment billi dawn iħallu l-impjieg tagħhom jew jirtiraw qabel biex jieħdu ħsieb ulied uliedhom jew persuni dipendenti oħra.

(15) L-infrastruttura tan-netwerk sottożviluppata hija ostaklu għan-negozju u l-investiment barrani u l-infrastruttura sottożviluppata tat-trasport tamplifika l-ispariġġi reġjonali. L-infrastruttura enerġetika qed tiqdiem b'rata mgħaġġla u laħqet il-limiti tal-kapaċità tagħha. Barra minn hekk teħtieġ bidliet konsiderevoli biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti neċessarji marbuta mal-politiki tal-mitigazzjoni tat-tibdil klimatiku. Minkejja li s-sistema ferrovjarja tal-Polonja hija t-tielet l-akbar waħda fl-Ewropa, ma tistax tappoġġa kif xieraq l-espansjoni tal-attività ekonomika minħabba infrastruttura u vejikoli skaduti.

(16) Il-kwalità tal-ambjent tan-negozju u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika hija baxxa fil-Polonja. F'paragun bejn il-pajjiżi, il-Polonja għandha problemi partikolari fl-oqsma tal-ġbir tat-taxxi, il-ftuħ u l-għeluq ta' negozji, l-infurzar tal-kuntratti u r-reġistrazzjoni tal-proprjetà. Il-kumpaniji huma mfixkla bi proċeduri twal ta' ħruġ tal-liċenzji u permessi. Fir-rigward tal-azzjonijiet legali, bħall-infurzar tal-kuntratti u l-ksib ta' permessi tal-bini, l-ammont ta' proċeduri involuti huwa pjuttost kbir u l-proċess kollu twil wisq.

(17) Il-Polonja ħadet għadd ta' impenji fil-Patt Euro Plus[4]. Mil-lat fiskali, il-Polonja timpenja ruħha li, dwar id-dejn eżistenti u r-regola temporanja tan-nefqa, tintroduċi regolamenti ġodda biex jiġu llimitati l-proporzjonijiet tad-defiċit tal-gvernijiet lokali u li tintroduċi regola permanenti tan-nefqa. Biex issaħħaħ l-istabilità finanzjarja, jittieħdu miżuri li jimmiraw għal regolazzjoni u superviżjoni aktar effiċjenti tas-settur bankarju. Jittieħdu miżuri dwar l-okkupazzjoni li jiffukaw fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol kif ukoll tal-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien u jsiru riformi biex jissaħħew ir-rabtiet bejn in-negozju u l-edukazzjoni. Jittieħdu miżuri ta' kompetittività li jiffokaw fuq l-edukazzjoni u s-settur tax-xjenza, it-trasport u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-faxxa l-wiesgħa (broadband) u jittieħdu miżuri biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju. Dawn l-impenji jirreferu għal erba' oqsma tal-Patt u jirriflettu sew l-aġenda ppreżentata fil-Programm ta' Konverġenza u fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Bosta sfidi importanti ta' politika baqgħu ma ġewx indirizzati (eż. ir-rata baxxa ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema akbar) jew ingħataw ftit li xejn attenzjoni (eż. t-titjib tal-amministrazzjoni tan-negozju). L-impenji tal-Patt Euro Plus ġew ivvalutati u meqjusa fir-rakkomandazzjonijiet.

(18) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma, inkluż l-impenji fil-Patt Euro Plus[5]. Mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom

[4] Aktar dettalji dwar l-impenji li saru fil-Patt Euro Plus jinsabu fi SEC(2011) 729.
[5] SEC(2011) 729.

għall-politika sostenibbli fiskali u soċjoekonomika fil-Polonja imma wkoll lejn il-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Hi tqis li l-programmi jagħmlu pjan ambizzjuż ta' konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi u tħeġġeġ lill-gvern biex jipproċedi bl-implimentazzjoni, u biex jieħu miżuri addizzjonali, fejn meħtieġ, biex inaqqas id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika taħt it-3 % tal-PDG sal-2012. Abbażi tal-kisbiet fl-aħħar għaxar snin, għandhom jittieħdu passi biex iżidu l-okkupazzjoni, prinċipalment bl-implimentazzjoni tar-riformi fis-sistemi tal-pensjonijiet u l-edukazzjoni, u billi jittejbu s-servizzi tal-indukrar tat-tfal u persuni dipendenti. Barra minn hekk, il-kompetittività mhux abbażi tal-prezzijiet għandha tiżdied aktar billi jittejjeb il-qafas tar-R&Ż u l-ambjent tan-negozju u billi jiġi promoss l-investiment fl-infrastruttura.

(19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, meta titqies ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-2011 tal-Programm ta' Konverġenza tal-Polonja u l-opinjoni tiegħu[6] qed tiġi riflessa partikolarment fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) hawn taħt. B'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja,

JIRRAKKOMANDA li l-Polonja għandha tieħu azzjoni tul il-perjodu 2011-2012 sabiex:

(1) Timplimenta l-miżuri mħabbra fl-abbożż tal-Liġi tal-Baġit tal-2012 u tinkludi miżuri addizzjonali ta' natura permanenti biex jitnaqqas id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika taħt it-3 % tal-PDG fl-2012. Jiġu mminimizzati t-tnaqqisiet fin-nefqa li ttejjeb it-tkabbir fil-futur, partikolarment il-kofinanzjament tal-fondi tal-UE, filwaqt li tiżgura progress adegwat lejn l-objettiv ta' terminu medju.

(2) Tiddaħħal leġiżlazzjoni bil-ħsieb li tintroduċi regola permanenti tan-nefqa sal-2013. Ir-regola għanda tissejjes fuq aggregati baġitarji wiesa' biżżejjed u għandha tkunu totalment konsistenti mas-sistema Ewropea ta' kontabilità. Barra minn hekk, tieħu miżuri biex issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fost il-livelli differenti tal-gvern għat-terminu medju u l-proċessi annwali baġitarji.

(3) Tgħolli kif ippjanat l-età statutorja tal-irtirar għas-servizzi ta' uniformi, tkompli tieħu passi biex iżżid l-età effettiva tal-irtirar u torbotha mal-istennija tal-għomor. Tistabilixxi skeda ta' żmien biex temenda r-regoli għall-fond ta' sigurtà soċjali għall-bdiewa (KRUS) biex jirriflettu aħjar l-introjti individwali.

(4) Timplimenta l-istrateġija proposta tat-tagħlim tul il-ħajja, ittejjeb l-apprentistati u taħriġ vokazzjonali speċifikat u programmi edukattivi għall-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien u ħaddiema b'ħiliet baxxi. Issaħħaħ ir-rabta bejn ix-xjenza u l-industrija billi timplimenta l-programm "Nibnu fuq l-Għarfien" ('Budujemy na Wiedzy'). Timplimenta l-programm ta' riforma tal-edukazzjoni għolja "Sħubija għall-Għarfien" ('Partnerstwo dla Wiedzy') sabiex tallinja aħjar tal-edukazzjoni disponibbli mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

[6] Prevista fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

(5) Iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi tieħu miżuri biex jiġi żgurat finanzjament stabbli għall-arranġamenti ta' indukrar tat-tfal ta' qabel l-iskola, biex jiżdiedu r-rati ta' reġistrazzjoni tat-tfal taħt it-tliet snin.

(6) Jittieħdu miżuri biex jiġu bbilanċjati l-inċentivi għall-investiment fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija bl-għan li jiġu promossi t-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u biex jiġu żviluppati aktar l-interkonnessjonijiet transfruntieri tal-grilja tal-elettriku; tiżviluppa pjan multiannwali għall-investiment fl-infrastruttura ferrovjarja u timplimenta pjan kumplessiv għat-trasport ferrovjarju.

(7) Tistabilixxi skeda ta' żmien biex jiġu ssemplifikati l-proċeduri legali involuti fl-infurzar tal-kuntratti; tirrevedi l-leġiżlazzjoni tal-bini u t-tqassim taż-żoni, bl-għan li jiġu armonizzati l-proċeduri tal-appell u jitħaffu l-proċeduri amministrattivi.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President